Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' April 2025**
**(OR. en)**

**7666/25**

**FIN 366**
**INST 77**
**PE-L 15**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Kumitat tal-Baġit |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 7466/25 |
| Suġġett: | Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 04/2025 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025<br>– *Approvazzjoni*<br>– *Approvazzjoni ta' ittra* |

1. Fis-26 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 04/2025 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2024/003 BE/Van Hool)[1], f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju[2].

2. Kif indikat fid-dokument 7466/25, l-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi ttrasferit ammont ta' EUR 8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-Artikolu 30 04 02 (*Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)*) għall-Artikolu 16 02 02 (*Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)*).

[1] Dokument 7464/25.
[2] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

4. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' April 2025.

5. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill japprova:

- il-proposta għat-trasferiment tal-approprjazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 7466/25; u
- l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS ta' din in-nota.

**ANNESS**

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: il-President tal-Kunsill

lil: il-President tal-Kummissjoni

kopja: il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024[1], b'dan ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 04/2025 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025.

(Formola tal-għeluq).

---

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).